**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 27/K7/14**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 10/04/'14** **310**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 10/04/'14** **365**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 21/11/'13** **19**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 10 ta' April 2014

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-2.30 p.m.

1.03 Preżenti:
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Il-Kunsillier John Agius
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech

1.04 Skużati (3) - Is-Sindku Peter Bonello
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Il-Kunsillier Alex Grech

1.05 Assenti (0) –

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0)

1.07 Il-Viċi Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-4 ta' April 2014. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Audited Financial Statements
4. Nuqqas t'attendenza ta' Kunsilliera
5. Approvazzjoni ta' Pagamenti
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Il-Viċi Sindku ressaq il-Minuti 26/K7/14 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 26/K7/14.

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondaha.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.4 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville**

1.4.01 Ma kienx hemm Minuti tal-Kumitat Amministrattiv Paceville peress li għadha ma saritx il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv.

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 1728 | Email mingħand l-Onorevoli Stefan Buontempo b'konnessjoni ma' talba tal-Kunsill għal appuntament. |
| 1769 | Email b'konnessjoni man-nuqqas ta' attendenza tas-Sindku Peter Bonello għal-laqgħa ta' April. |
| 1912 | Email mingħand il-Ministeru għat-Turiżmu dwar appuntament li ġie riskedat għat-Tnejn 21 ta' April 2014 rigward l-**Iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2013**. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

2.02 **Rif. Nru. 1728**

B'riferenza għall-email ta' l-Onorevoli Stefan Bountempo, ġie deċiż unanimament li jerġa' jintalab appuntament miegħu.

2.03 **Rif. Nru. 1769**

B'riferenza għal *e*mail b'konnessjoni man-nuqqas ta' attendenza tas-Sindku Peter Bonello għal-laqgħa ta' April ġie deċiż unanimament li jiġi skużat**.**

2.04 Il-Kunsill ġie nfurmat li kemm il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli kif ukoll il-Kunsillier Alex Grech innotifikaw verbalment lill-Amministrazzjoni tal-Kunsill li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa. Ġie deċiż unanimament li la darba jibagħtu l-informazzjoni bil-miktub jkunu skuzati.

2.05 Il-Kunsillier Anthony Grech wasal fis-2.15p.m.

## 3. Audited Financial Statements

3.01 Il-Kunsill ġie pprezentat bl-*Audited Financial Statements* (Ara Appendiċi 'A')*.*

3.02 Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements.*

3.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4. Nuqqas ta' Attendenza ta' Kunsillier

4.01 Saret riferenza ghal Att XV ta' l-1993, Att Dwar il-Kunsilli Lokali, Kapitlu 363, Taqsima II, Paragrafu 18.

4.02 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli naqsu li jattendu għal aktar minn terz tal-laqgħat f'sitt xhur (Ara Appendiċi 'B').

4.03 Ġie deċiż unanimament li meta jiġi nfurmat il-Ministru, il-postijiet tagħhom ma jiġux iddikkjarati vakanti peress li n-nuqqas ta' l-attendenza tagħhom kienet ġustifikata.

**5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.**

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'C').

5.02 Il-Kunsillier Anthony Grech ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

5.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3565 sa 3573 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

6.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3565 sa 3573.

6.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondaha.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

6.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**7. Materji Oħra**

7.01 Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill bil-laqghat li attenda b'konnessjoni man-*National Tourism Zones Committee*. Huwa għarraf lill-membri li fl-aħħar laqgħa ġie kkonfermat li l-MTA li ser tipprovdi servizz addizzjonali ta' tindif fiż-żona ta' Paceville tlett darbiet kuljum, f'nofs in-nhar, fis-7 p.m. u fl-4 a.m.; ser tipprovdi bins mad-dawra tal-baħar u fejn ikun hemm bżonn; u ser issir iż-żebgħa tar-'*railings'* minn ħdejn il-Baracuda Restaurant sad-Dolce Vita Restaurant. Ġie diskuss ukoll li jkun hemm korp ta' sorveljanza ġewwa Paceville.

7.02 Ġie deċiż li jiġi nfurmat il-Ministeru tat-Turizmu u n-*National Tourism Zones Committee* biex:-

a) Isir railing Xatt is-Sajjieda mad-dawra tal-baħar. Kopja ta' din l-ittra tintbagħat ukoll lill-Ministeru tat-Trasport.

b) Jerġa jsir l-*bridge* ta' l-injam li jsir kull sena mill-MTA taħt il-Gelat D'Or.

c) Issir skalapiza fejn il-Pont tal-Banis u jerġgħu jitwaħħlu s-slielem kollha ta' mad-dawra tal-bahar.

7.03 Peress li Ms. Marisa Micallef terminat l-impieg tagħha, ġie deċiż unanimament li tingħata l-full-performance bonus pro-rata sal-11 ta' April 2014.

7.04 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 29 ta' Mejju 2014 fis-2.00p.m.

7.05 Il-laqgħa ntemmet fit-3.00p.m.

| | |
|---|---|
| **Charles Camenzuli** | **Helen Walker** |
| **Viċi Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |